# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2142

**Kaz Numru 2827 DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Carmelo Vella**

**u**

**Gozo Aluminium Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum nhar il-Hamis 12 ta' April 2012**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar il-31 ta' Awwissu 2010.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Carmelo Vella, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Mario Scerri.

2.2 Il-kumpanija Gozo Aluminium Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukata Denise Muscat u fl-ahhar seduta mill-Avukat William Cuschieri.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Labourer* nhar l-04.01.93 fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Matul l-impieg kien jaghmel xoghol ta' tqandil kif ukoll ta' sewqan tal-vettura tal-kumpanija ghall-garr ta' profili ta' aluminium mal-kumpanija intimata u xoghol ta' tindif f'siti tal-kostruzzjoni mal-kumpanija Island Developments Limited bl-istess Diretturi. Nhar it-03.03.10, fil-waqt li kien Malta jigbor taghmir ghall-kumpanija intimata, hassu hazin u waqa' mill-kaxxa tat-trakk ghall-art, u minhabba li wegga dahru beda jfalli mix-xoghol fuq *leave* ghall-

korriment. Nhar l-24.06.10, wara certifikazzjoni mill-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, mar lura ghax-xoghol, izda l-kumpanija intimata abbazi ta' certifikati rilaxxati f'ismu minn tabib tal-familja u specjalista' maghzul minnu ma accettatux lura. Nhar il-11.07.10 il-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrent minhabba li kkonkludiet li r-rikorrent ma kienx f'kundizzjoni ta' sahha li seta' jkompli jaghmel ix-xoghol ta' *Labourer* minghajr riskji ta' sahha ghalih u ghal ohrajn.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Mr. Raymond Aquilina, Brian Attard, Lelina Tabone u Dr. J. Xuereb Dingli xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 George Cremona u Dr. Antoine Zrinzo xehdu ghar-rikorrent, u r-rikorrent xehed ghalih innifsu.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 23.09.10 konsistenti f'hames pagni li tinkludi zewg dokumenti mmarkati, Dok. A u Dok. B.

5.1.2 Tliet rikorsi datati 20.05.11, 19.09.11 u 07.11.11.

5.1.3 Nota ta' sottomissjonijiet konsistenti fi tmien pagni.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'hames pagni u zewg dokumenti mmarkati, Dok. GA 1 u Dok. GA 2.

5.2.2 Sensiela ta' sitt messaggi elettronici datati 20.10.10, 03.11.10 (2), 09.11.10, 23.11.10 u 02.12.10 komplessivament immarkati, Dok LT 1.

5.2.3 Lista datata 02.12.10 li kienet tinkludi l-impjegati tal-kumpanija intimata.

5.2.4 Nota ta' osservazzjonijiet konsistenti f'sebgha u ghoxrin pagna.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Mr. Raymond Aquilina,** kirurgu ortopediku, wara li kien rilaxxat mis-sigriet professjonali mir-rikorrent stqarr li hu l-awtur tac-certifikat datat 30.04.10 mahrug minnu fuq talba tar-rikorrent stess, u kkonferma li r-rikorrent kellu kundizzjoni ta' *osteo artritis* f'dahru. Din il-kundizzjoni digenerattiva tihzien kemm mal-eta' kif ukoll bl-istrapazz. Ix-xoghol li r-rikorrent kien jaghmel fejn kien jahdem kien kontro-indikattiv ghall-kundizzjoni medika li kellu. L-ugigh li kien ikollu r-rikorrent kien jezisti qabel l-incident in kwistjoni, izda l-incident li sehh nhar it-03.03.10 ipprecipita sintomi aktar qawwija. It-tnaqqis fl-ugigh, li rrizulta wara xi zmien ta' kura, irrizulta kemm minn dak li qallu r-rikorrent kif ukoll mill-ezamijiet medici li sarulu. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li kellu dubju serju kemm kien ser ikun possibbli li r-rikorrent jirritorna ghax-xoghol.

6.2 **Brian Attard**, impjegat fil-kariga ta' Direttur Manigerjali mal-kumpanija intimata, stqarr li l-istess kumpanija timmanifattura u twahhal aperturi tal-aluminium u xoghlu jinkludi l-akkwist ta' kuntratti tax-xoghol, tqassim tal-istess xoghol fost l-impjegati, l-amministrazzjoni tal-impjegati u xoghol iehor ta' natura klerikali. Zied jghid li r-rikorrent beda jahdem mal-kumpanija intimata fl-1993 u xoghlu kien dak kollu relatat mal-manifattura u twahhil tal-istess aperturi. Dan ix-xoghol kien jinkludi wkoll taghbija, hatt tal-materja prima u xoghol manifatturat, kif ukoll trasport tal-istess. Ir-rikorrent dejjem ghamel ix-xoghol kollu li kien jinghata, inkluz xoghol ta' tindif ta' skart mix-xoghol ta' kostruzzjoni tal-kumpanija Island Developments Limited u ma kienx hemm ilmenti dwar il-kompetenza tieghu. Ix-xhud kompla jghid li l-kumpanija intimata qatt ma waslilha taghrif dwar il-kundizzjoni medika tar-rikorrent, ir-rikorrent qatt ma lmenta dwar xi effett negattiv tax-xoghol fuq sahhtu, u qatt ma talab biex jibdel ix-xoghol minhabba sahhtu. Nhar it-03.03.10 kien mgharraf li r-rikorrent waqa' minn fuq it-trakk ghaliex hassu hazin waqt li kien qieghed jghabbi l-materja prima f'Malta, ghamel gimgha rikoverat fl-isptar Ghawdex, u dam madwar erba' xhur fuq *leave* ghall-korriment sakemm kien certifikat mill-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li kien tajjeb biex jidhol lura ghax-xoghol. Ir-rikorrent qatt ma talbu biex jidhol jaghmel xoghol minghajr strapazz ta' tqandil, u meta hu stess talbu jghidlu jekk kienx hemm xi xoghol alternattiv li jahseb li seta' jaghmel, ir-rikorrent ma gharafx iwiegeb. Wara l-ewwel xahrejn tal-korriment il-kumpanija intimata talbitu biex igib certifikat mediku rigwardanti l-istat ta' sahhtu. Ir-rikorrent ipprezenta zewg certifikati medici, wiehed datat 30.04.10 rilaxxat mill-kirurgu Mr. Raymond Aquilina, u l-iehor datat 12.05.10 minghand it-tabib tal-familja Dr. John Xuereb Dingli. Iz-zewg certifikati kienu jikkonfermaw li r-rikorrent kellu storja twila ta' kundizzjoni medika li kienet tikkonflingi max-xoghol ta' tqandil ta' pizijiet tqal. Meta rat hekk, u minhabba li r-

rikorrent ried li jirritorna ghax-xoghol wara li kien dikjarat li seta' jaghmel hekk mill-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, ippruvat tikseb il-parir ta' specjalista u ghamlitlu appuntament man-Nurologu Dr. Antoine Zrinzo. Il-parir tan-Nurologu ma wasal qatt. Ix-xhud stqarr li l-istess rikorrent kien qallu fiex kien jikkonsisti l-ezami mediku li kienu jaghmlulu t-tobba tal-Bord tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li fil-fehma tieghu ma kien xejn profond. Fid-dawl taz-zewg certifikati medici li kien ipprezenta l-istess rikorrent u n-nuqqas ta' parir minghand l-ispecjalista Antoine Zrinzo, il-kumpanija intimata ddecidiet li t-temm l-impieg.

6.3 **George Cremona,** impjegat fil-kariga ta' *Principal Officer* mas-settur pubbliku assenjat mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjal, wara li kien rilaxxat mis-sigriet professjonali mir-rikorrent, stqarr li kull talba ghall-beneficcju tal-korriment tkun riferita lill-Bord tat-Tobba mwaqqaf skond il-Ligi. Zied jghid li r-rikorrent deher hames darbiet quddiem l-istess Bord u l-ahhar darba nhar il-05.07.10 kien certifikat li seta' jerga' jahdem. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li l-Bord ikollu quddiemu c-certifikati rilaxxati f'isem ir-rikorrent rigwardanti l-incident, izda ma setax jghid xi kwalita ta' ezamijiet medici dawn jaghmlu, ghaliex waqt l-ezamijiet il-Bord ikun wahdu mal-pazjent.

6.4 **Lelina Tabone,** impjegata mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Financial Controller* ghal dawn l-ahhar hames snin, stqarret li x-xoghol taghha jinkludi wkoll l-amministrazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mar-Rizorsi Umani. Ziedet tghid li l-kumpanija intimata tixtri materja prima konsistenti fi profili tal-aluminium, timmanifattura aperturi u twahhal l-istess prodotti manifatturati f'postijiet residentali u kummercjali. Ix-xhud kompliet li lir-rikorrent tafu bhala impjegat u li kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata mill-1993 fil-kariga ta' *Labourer*, u li qabel l-incident li sehh nhar it-03.03.10 ma kienet taf xejn dwar il-kundizzjoni medika tieghu. L-istruttura tal-kumpanija intimata kienet tinkludi lid-Direttur Manigerjali, persuna li thaddem magna specjalizzata li biha jsir il-qtugh kollu tal-profili, u tmien impjegati ohra kolla fil-kariga ta' *Labourer* u kollha kienu jaghmlu l-istess xoghol skond il-htiega, *cioe* dak li jghaqqdu l-profili, ipoggu l-hgieg u accessorji ohra, jghabbu x-xoghol lest fuq it-trakk, jittrasportawh fuq il-lant tax-xoghol, ihottuh u jwahhluh fil-lok. Ix-xhud kompliet li nhar l-incident in kwistjoni semghet li r-rikorrent kien Malta jghabbi, hassu hass hazin, waqa' minn fuq it-trakk, u wara dam zmien fuq *leave* ghall-korriment rikoverat l-isptar Ghawdex u d-dar. Waqt din l-assenza mix-xoghol fuq talba tal-kumpanija intimata r-rikorrent ikkunsinna zewg certifikati medici; wiehed minghand l-ispecjalista Mr. Raymond Aquilina u l-iehor minghand it-tabib tal-familja Dr. John Xuereb Dingli. Ix-xhud ma kinitx taf bil-kundizzjoni medika tar-rikorrent ghaliex qatt ma kellha bzonn tirreferi ghac-certifikati tal-mard li kien hemm minghand ir-rikorrent

qabel ma bdiet hi tahdem mal-kumpanija intimata. Iz-zewg certifikati holqu dubju serju f'mohh id-dirigenti dwar jekk ir-rikorrent setax ikompli jaghmel l-istess xoghol. Meta r-rikorrent kien certifikat mill-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li seta' jirritorna lura ghax-xoghol, u fid-dawl taz-zewg certifikati li kienu waslulhom, u li fihom kienu espressi dubji serji jekk ir-rikorrent setax jirritorna lura ghall-istess xoghol, fehmu li jkun ahjar jekk jiksbu parir legali minhabba l-obbligi tal-kumpanija li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-Kapitlu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara laqgha li saret bejn il-konsulenti legali tal-kumpanija intimata u tar-rikorrent intlahaq qbil li l-kumpanija intimata tikseb parir minghand specjalista nurologu fl-interess taz-zewg partijiet. Saru kuntatti ma' Dr. Antoine Zrinzo u ghalkemm dan kellu zewg laqghat mar-rikorrent il-parir ma wasal qatt. Ghadda xi zmien u minhabba d-dubji li kellhom dwar l-abbilta tar-rikorrent li jirritorna ghall-istess xoghol il-kumpanija intimata ddecidiet li ttemmlu l-impieg.

6.5 **Carmel Vella,** ir-rikorrent, stqarr li kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata sbatax -il sena u nofs u li ghalkemm f'dan iz-zmien kollu qatt ma lmenta mal-kumpanija intimata dwar l-ugigh li kien ihoss f'dahru, fil-fatt kellu zewg incidenti. L-ewwel incident sehh madwar tnax -il sena ilu meta kien ha skoss f'dahru, u ghalkemm ma ghamilx rapport ta' korriment kien ghamel sitt gimghat rikoverat id-dar. Wara dan l-incident il-kumpanija intimata bidlitlu x-xoghol ghal xi zmien u minflok ix-xoghol normali tieghu beda jahdem fuq gewwa, jghaqqad ic-caccizi meta l-aperturi kienu jkunu ghadhom minghajr hgieg. Ghadda z-zmien u beda jzid ftit ftit sakemm wara sena rega' lura ghax-xoghol normali li kellu qabel l-incident, u kien jaghmel ix-xoghol kollu, inkluzi sewqan, taghbija u hatt kemm wahdu u kull tant bl-ghajnuna ta' haddiema ohra, u tqattigh ta' gebel jew blat bil-*jack hammer*. Meta t-tabib tal-familja kien jghidlu biex jibdel ix-xoghol, hu kien jghidlu li ma kienx jaf fejn seta' jmur jahdem. Ix-xhud ikkonferma li lit-tabib tal-familja qatt ma qallu li minhabba l-ugigh f'dahru kien ha X-rays, u x'kienet id-dijanjozi taghhom. Nhar it-03.03.10 kien Malta fuq xoghol, hassu hazin meta kien fuq it-trakk, waqa' u spicca fl-isptar t'Ghawdex fejn ghamel gimgha rikoverat. Hu kien rilaxxat ghaliex ma sabulu xejn, u qalulu li x'aktarx nizlitlu l-pressjoni. Wara tliet gimghat mill-incident mar ikellem lil Brian Attard u rrifjuta l-istedina li saritlu biex jidher quddiem Bord biex jinvalda ruhu minhabba ragunijiet ta' sahha. Brian Attard offrielu xoghol fuq gewwa, izda deherlu li ma kienx f'kundizzjoni li jirritorna lura ghax-xoghol, anki fuq xoghol anqas strapazzanti min-normal. Wara xi ftit zmien iehor kien mar jigbor il-paga u rega' kien offrut jidhol jahdem jaghmel il-kolla mat-twieqi, izda rega' hassu li ghadu kmieni wisq biex jidhol lura. Ir-rikorrent qal li l-ezamijiet li kienu jsirulu mill-Bord tat-Tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kienu jikkonsistu f'mistoqsijiet dwar l-istat ta' sahhtu, u wkoll li jitbaxxa kokka u jqum, jitghawweg, jipprova jmiss il-ponta ta' siequ bil-ponot ta' subghajh, u

affarijiet simili. Ix-xhud ikkonferma li lill-Bord kien qalilhom ix-xoghol li kien jaghmel. Ghadda z-zmien u nhar il-05.07.10 il-Bord iccertifikah li tajjeb ghax-xoghol minghajr restrizzjonijiet ta' xejn. Wara ftit taz-zmien intemmlu l-impieg. Ir-rikorrent temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li l-kumpanija intimata ghandha xoghol li jsir gewwa u wkoll barra u li l-impjegati kollha normalment jaghmlu x-xoghol kollu fejn ikun hemm bzonn. Ix-xoghol li kien jaghmel mal-kumpanija Island Developments Limited kienu jaghmluh hu u impjegat iehor biss.

6.6 **Dr. Antoine Zrinzo,** specjalista nurologu, wara li kien rilaxxat mis-sigriet professjonali mir-rikorrent, stqarr li hu kien inkarigat mill-kumpanija intimata biex jezamina lir-rikorrent bil-ghan li jiccertifika jekk il-kundizzjoni medika tieghu kinitx timponi xi restrizzjonijiet fuq il-kwalita' ta' xoghol manwali li seta' jaghmel fil-kariga ta' *Labourer* maghha. Zied jghid li r-rikorrent kien spjegalu x'kien jaghmel u wkoll li dahru jaghtih fastidju. Ix-xhud kompla li meta ezaminah irrizulta li ma kienx hemm problemi fin-nervituri, izda kellu kundizzjoni ta' sclerosis. Minhabba li r-rikorrent ma kienx qallu bl-istorja twila ta' ugigh fid-dahar li sar jaf biha meta sar jaf bic-certifikati ta' Dr. John Xuereb Dingli u Mr. Raymond Aquilina, hu llimita l-opinjoni tieghu fuq l-ezami li kien ghamel hu biss. Ix-xhud temm jghid li ma setax jghid jekk ir-rikorrent kienx b'sahhtu bizzejjed biex jirritorna ghax-xoghol produttiv li kellu. Dan ghaliex kull persuna tirrejagixxi differenti ghall-istess kundizzjoni fizika. Kollox jiddependi mis-sahha tal-muskoli u mil-livell ta' wgigh li l-persuna tissaporti. In fondo jekk ix-xoghol li jaghmel jirrizultalu f'ugigh, allura dak ikun l-ahjar indikazzjoni li l-persuna ma tkunx tajba biex tkompli f'dak ix-xoghol.

6.7 **Dr. John Xuereb Dingli**, it-tabib tal-familja tar-rikorrent, wara li kien rilaxxat mis-sigriet professjonali mir-rikorrent, stqarr li r-rikorrent ilu klijent tieghu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Zied jghid li c-certifikat tieghu datat 12.05.10 rilaxxat fuq talba tal-klijent tieghu stess ma jiccertifika xejn dwar l-incident li sofra r-rikorrent nhar it-03.03.10 ghaliex il-kawza tal-hass hazin ma kinitx stabbilita. Ix-xhud kompla li kellu diversi okkazjonijiet fuq medda ta' snin kemm ilu jezamina lir-rikorrent li jikkurah minn ugigh f'dahru permezz ta' pilloli u pariri ghall-mistrieh. F'dawn l-okkazjonijiet kien sikwit jghidlu li l-ahjar rimedju ghal-sahhtu kien li ma jkomplix jaghmel xoghol ta' rfigh ta' pizijiet tqal fejn kien jahdem u fi kwalunkwe post iehor. F'dawn l-okkazjonijiet ir-rikorrent kien jghidlu li l-ugigh kien qieghed ikun aktar spiss u akut minn meta bdew juzaw il-hgieg doppju fl-aperturi. Ghalkemm ix-xhud ma setax jattribwixxi l-ugigh ghal xi attivita partikulari, il-parir tieghu lir-rikorrent kien dejjem l-istess: m'hemmx ghalfejn tieqaf tahdem, izda ieqaf erfa' oggetti tqal.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni miktuba tal-kaz l-Avukat Denise Muscat u fl-ahhar seduta l-Avukat William Cuschieri *viva voce* ghall-kumpanija intimata:

7.1.1 Stqarru li:

- Mhux kontestat li r-rikorrent wegga' fuq il-lant tax-xoghol b'mod li mhuwiex attribwibbli ghal xi negligenza jew nuqqas tal-kumpanija intimata.

- Waqt iz-zmien meta r-rikorrent kien qieghed jaghmel uzu mil-*leave* ghall-korriment, fuq talba tal-kumpanija intimata kien ipprezenta zewg certifikati medici li jattestaw li r-rikorrent ma setax ikompli jaghmel ix-xoghol tieghu kollu mal-kumpanija intimata.

- Ghalkemm il-Bord tat-tobba tad-Dipartiment ts-Sigurta Socjali ccertifikaw lir-rikorrent tajjeb ghax-xoghol b'effett mill-05.07.10, din ic-certfikazzjoni ma kinitz bazata fuq ezamijiet medici addattati ghall-kaz. In fatti c-certifikazzjoni tikkontrasta bis-shih mal-opinjoni taz-zewg tobba li rrilaxxaw certifikati xi zmien qabel fl-istess sena.

- Id-decizjoni tal-kumpanija biex ittemm l-impieg ittiehdet fid-dawl tat-taghrif li l-kumpanija intimata kellha ghad-dispozizzjoni taghha f'Lulju 2010 u wara li saret ghall-artiklu rilevanti tal-Kapitli 424 u 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Id-decizjoni tat-temma tal-impieg tar-rikorrent ma tistax titqies ingusta ghaliex il-kundizzjoni medika tar-rikorrent fil-mument li ttiehdet kienet tinkwadra fit-tifsira ta' "frustrazzjoni tal-kuntratt". Dan l-argument hu sostnut b'decizjoni datata 14.05.90 tal-Qorti tal-Appell fil-kaz Dentist George Manara vs Perit Edward Borg Costanzi.

- L-offerta ghat-tkomplija tar-rikorrent fl-impieg li saret waqt il-mori tal-kaz kienet tardiva ghaliex il-parir tal-ispecjalista Antoine Zrinzo damet zmien twil wara li ntemm l-impieg.

7.1.2 Talbu biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrent kienet gusta u bizzejjed skond il-ligi u konsegwentement ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Mario Scerri f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Stqarr li:

- Meta nhar l-24.06.10 il-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ccertifikaw li r-rikorrent kien tajjeb biex jidhol lura ghax-xoghol, il-kumpanija intimata tterminatlu l-impieg.

- Il-kumpanija intimata bbazat id-decizjoni taghha tat-temma tal-impieg tar-rikorrent b'effett mill-11.07.10 fuq zewg certifikati medici datati April u Mejju 2010. Fl-istess waqt li ghamlet hekk skartat ic-certifikazzjoni tal-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li ccertifika lir-rikorrent tajjeb ghax-xoghol b'effett mill-05.07.10.

- Waqt il-mori tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali u fuq suggeriment tad-difensur tar-rikorrent il-kumpanija fittxet parir mediku minghand l-ispecjalista Antoine Zrinzo. Dan il-parir ma wasal qatt, izda sar maghruf biss meta l-ispecjalista tala' jixhed.

- Minkejja l-kundizzjoni medika tar-rikorrent hu dejjem ghamel xoghlu b'hila u qatt ma lmenta matul iz-zmien tieghu fl-impieg rigwardanti x-xoghol li kien ikun mitlub jaghmel, inkluz dak mal-kumpanija Island Developments Limited.

- Ir-riferenza li ghamlet il-kumpanija intimata ghall-provvedimenti rilevanti tal-Kapitli 424 u 425 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rilevanza taghhom huma zbaljati ghar-ragunijiet imsemmija.

- Il-kumpanija intimata kellha xoghol alternattiv li setghet toffri lir-rikorrent bhalma hu dak li kien jaghmel mal-Island Developments Limited.

7.2.2 Talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrent ma kinitx ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Jirrizulta mill-provi li:

- Fuq parir tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, il-kumpanija itimata accettat li l-incident li sehh nhar it-03.03.10 fuq il-lant tax-xoghol ghandu jitqies li kien korriment. L-istess ghamel il-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

- Ghal tul ta' zmien mhux maghruf qabel ma sehh l-incident nhar it-03.03.10 u sa ftit granet wara t-12.05.10, meta r-rikorrent wassal lill-kumpanija intimata zewg certifikati medici mitluba minnha stess, il-kumpanija intimata ma kellha ebda hjiel tal-kundizzjoni medika tar-rikorrent. Dan il-fatt ikkonfermawh kemm Lelina Tabone meta stqarret "li qabel l-incident li sehh nhar it-03.03.10 ma kienet taf xejn dwar il-kundizzjoni medika tieghu" kif ukoll l-istess rikorrent fejn fix-xhieda tieghu stqarr li "kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata sbatax-il sena u nofs u li f'dan iz-zmien kollu qatt ma lmenta mal-kumpanija intimata dwar l-ugigh li kien ihoss f'dahru" u "li wara l-incident li kellu madwar tnax-il sena qabel meta kien korra wkoll fuq il-lant tax-xoghol, u ghamel zmien rikoverat id-dar, qatt ma lmenta mal-kumpanija intimata dwar ix-xoghol li kien jinghata u li kien jaghmel kull xoghol li jinghata kemm mal-kumpanija intimata kif ukoll mal-Island Developments Limited".

- Meta kmieni f'Lulju 2010 ir-rikorrent talab li jirritorna ghall-istess xoghol abbazi tac-certifikazzjoni tal-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li nghatat minghajr ebda restrizzjoni rigwardanti xi kwalita ta' xoghol seta' jaghmel ir-rikorrent, u konxja mill-kontenut taz-zewg certifikati medici rilaxxati f'isem ir-rikorrent ftit gimghat biss qabel, il-kumpanija intimata iddecidiet li tistrieh fuq ic-certifikati taz-zewg tobba, wiehed minnhom specjalista, minflok fuq dak tal-Bord tat-tobba tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, u temmet l-impieg tar-rikorrent. Irid jinghad li din il-preferenza saret minhabba preokkupazzjoni genwina dwar l-effett li x-xoghol strapazzanti ta' *Labourer* maghha seta' jkompli jkollu fuq sahhet ir-rikorrent.

- Ghar-raguni dikjarata li l-kumpanija intimata m'ghandhiex xoghol minghajr l-istrapazz ta' tqandil, u kuntrarju ghal dak li ghamlet kemm fl-imghoddi wara l-ewwel korriment, u wkoll ftit gimghat wara l-incident in kwistjoni, il-kumpanija intimata naqset milli toffri lir-rikorrent xoghol b'anqas strapazz ghal xi zmien bit-tama li r-rikorrent jirkupra fuq medda ta' zmien.

- Il-provvedimenti tas-sub artiklu 36 (15) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu biex impjegat li jkun korra fuq il-lant tax-xoghol

jibbenefika minn massimu ta' tnax-il xahar paga shiha. Wara d-decizjoni li hadet rigwardanti liema certifikati medici kienet lesta taccetta, il-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrent nhar il-11.07.10, wara biss erba' xhur mid-data tal-korriment, u tmien xhur qabel id-dritt statutorju ghal-*leave* tal-korriment.

- L-argument tal-kumpanija intimata rigwardanti li l-korriment tar-rikorrent ikkawza l-frustrazzjoni tal-kuntratt tal-impieg, argument sostnut bir-riferenza esebita ghad-decizjoni datata 14.05.90 tal-Qorti tal-Appell fil-kaz Dentist George Manara vs Perit Edward Borg Costanzi seta' jkun validu biss wara t-02.03.11.

## 9. Decizjoni

9.1 It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li t-temma tal-impjieg tar-rikorrent saret bi ksur tal-Ligi.

9.2 Minhabba li waqt is-smigh tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali l-partijiet naqsu li jikkonfermaw kemm kienet il-paga bazika fil-gimgha tar-rikorrent, it-Tribunal Industrijali mhux f'pozizzjoni li jikkalkula l-kumpens dovut lir-rikorrent.

9.3 Il-kumpanija intimata qieghda tinghata gimgha zmien mid-data tal-llum biex twassal dan it-taghrif rikjest mit-Tribunal Industrijali lill-parti l-ohra u lis-Segretarja tat-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrent ghandu gimgha zmien minn meta jasallu dan it-taghrif biex jgharraf lis-Segretarja Tat-Tribunal Industrijali jekk jikonfermax jew jikkontestax il-figura li jinghata mill-kumpanija intimata.

9.4 Wara qbil bejn il-partijiet dwar kemm kienet il-paga bazika, it-Tribunal Industrijali jiffisa l-kumpens.

---

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**